SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 02/K7/12**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 17/04/'12 285**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 17/04/'12 340**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 17 t'April 2012.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-4.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Alexander Grech
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Kienet preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill, Ms Johanna Caruana.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-11 t'April 2012. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Financial Statements wara l-Audit
3. Management Letter
4. Korrispondenza
5. Xogħolijiet / Proġetti
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 01/K7/12 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 01/K7/12.

1.3.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondaha.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Financial Statements wara l-Audit**

2.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Financial Statements reveduti wara li sar l-awditjar (Ara Appendiċi 'A').

2.02 L-Accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni ddettaljata tar-reviżjonijiet li saru fil-Financial Statements.

2.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements kif reveduti.

2.04 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli ssekondah.

2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3 Management Letter**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bid-draft Management Letter (Ara Inc. 1732/12 Appendiċi 'B') u bir-risposta li ġiet ippreparata (Ara K0500/062&200-08/12-JB Appendiċi 'C').

3.02 Il-Kunsill ingħata spjegazzjoni ddettaljata tagħhom.

3.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tar-risposta għall-Management Letter.

3.04 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli ssekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.06 Iċ-Chairman Peter Bonello rringrazzja lill-Ms Johanna Caruana u lis-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker għan-nom tal-Kunsill għall-ħidma tagħhom.

3.07 Ms Joanna Caruana ġiet skużata fl-4.45p.m.

**4 Korrispondenza**

4.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 1083 | Email mingħand il-Pulizija rigward il-proġett tas-*CCTV*. |
| 1241, K215 & 1334 | Email mingħand l-ARMS rigward il-kont tad-dawl nru. 411000001376. |
| 1277 | Talba mingħand Ms. Roza Zammit Salinos sabiex tkun tista' tbiegħ xi affarijiet fuq il-promenade. |

1553 Email mingħand il-Pulizija rigward komunikazzjoni mal-Pulizija.

1569 Email mingħand Schranz Ltd rigward Tower Crane ġo Triq ir-Rampa San Ġiljan.

1740 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern lokali rigward tnaqqis mill-allokazzjoni.

1763 & K495 Email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward Ċirkulari 16/2012 - WSC

1951 & *K477* Ittra mingħand LK Ltd rigward reviżjoni tar-rati tal-*Upkeep and Maintenance of 'Access Roads' and 'Access Only and Pedestrians'*.

1956 & 1497 Email mingħand The Malta Horticultural Society rigward Għaqda Maltija tal-Ortikultura.

1885 Talba mingħand Ms. Astrid Vella sabiex issir laqgħa mal-Kunsill.

1991 Talba mingħand il-Kunsilliera Laburisti San Ġiljan sabiex issir laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan b'urġenza qabel l-14 ta' April 2012.

2231 Talba għall-i*sponsorship* mingħand il-Parroċċa San Ġiljan.

2281 Kwotazzjoni tal-Bulky Collection mingħand is-Sur Raymond Attard.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 1241, K215 & K1334

4.02 Saret riferenza għall-korrispondenza li saret bejn l-ARMS Ltd u l-Kunsill rigward il-kont tad-dawl nru. 411000001376.

4.03 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsill li meta kienu saru x-xogħlijiet ta' tisbiħ fil-Pjazza Wesgħa Ġuse' Tanti, min-naħa ta' l-Awtorita' tat-Turiżmu, kien ġie mitlub jiffirma l-applikazzjoni ta' l-Enemalta għas-servizz ġdid ta' l-elettriku. Hu għamel dan bil-kundizzjoni li l-Kunsill ma jkunx responsabbli għal ħlasijiet tal-kontijiet. Issa qed jirriżulta li l-Kunsill qed jirċievi l-kontijiet, għalhekk kellem lill-Perit Kevin Fsadni għax l-arranġamenti ma kienux li l-Kunsill għandu jħallas il-kontijiet. Il-Perit Fsadni min-naħa tiegħu għarrfu li ser ikellem lill-CEO dwar din il-kwistjoni.

4.04 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill illi minħabba li hemm dan il-kont pendenti, ġie nfurmat verbalment mill-ARMS Ltd. li ma jistgħux jinstallaw il-meter ta' l-ilma fil-Kumpless Dun Anton Sciberras f'Ta' Giorni qabel jiġi ssettiljat il-kont pendenti.

4.05 Waqt din il-diskussjoni ġie deċiż unanimament illi:-

- Tintbagħat talba lill-Environmental Landscapes Consortium Ltd. sabiex isir embellishment ta' l-area ta' Wesgħet Ġuze' Tanti.
- Is-St. Julian's Water Polo Pitch jiġu nfurmati biex ineħħu l-iskip li hemm ħdejn il-Monument ta' Wesgħet Ġuze' Tanti.
- L'Ordine Restaurant jiġi nfurmat biex ineħħi l-iskip li hemm fi Triq il-Kbira ħdejn it-taraġ ta' Triq Angelo Pullicino.

Rif. Nru. 1277

4.06 Saret riferenza għat-talba mingħand Ms. Roza Zammit Salinos sabiex tkun tista' tbiegħ xi affarijiet fuq il-promenade. Ġie deċiż unanimament li Ms. Roza Zammit Salinos tiġi nfurmata li:-

- B'riferenza għal K.L.B.L. 52/11/2011 Bye-Laws tal-2011 dwar Armar ta' Għamara fuq Bankini f'San

Ġiljan (Kunsill Lokali San Ġiljan) il-Kunsill qed joġġezjona li jinħareġ permess sabiex tbiegħ man-naħa tal-promenade;

- Il-Kunsill lest li joħroġ permess ta' ġurnata, meta jkollha bżonn, in-naħa tal-Pjazza Balluta, dment li jingħata avviż ħmistax il-ġurnata qabel.

Rif. Nru. 1553

4.07 Saret riferenza għall-email mingħand il-Pulizija rigward komunikazzjoni mal-Pulizija. Ġie deċiż unanimament li s-Sindku Peter Bonello jiltaqa' mal-Ispettur Mario Tonna.

Rif. Nru. 1569

4.08 Saret riferenza għall-email mingħand Schranz Ltd rigward Tower Crane ġo Triq ir-Rampa San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament illi dan il-każ jiġi riferut lill-Avukat tal-Kunsill.

Rif. Nru. 1740

4.09 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward tnaqqis mill-allokazzjoni. Ġie deċiż unanimament illi tintbagħat ittra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali peress li l-Kunsill iħoss li l-għaqdiet għandhom jibqgħu jiġu mgħejjuna u li mhux qed jaċċetta li mill-allokazzjoni tnaqqas l-ammont ta' €3,531 peress li dan l-ammont diġa tħallas .

Rif. Nru. 1763 & K495

4.10 Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward Ċirkulari 16/2012 – WSC li titratta fuq **formola dwar l-għażla tal-Kunsilli Lokali dwar il-kuntratt mal-Water Services Corporation**. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jagħżel għażla 'B' li tgħid **ix-xogħol tal-asfaltar tal-kanali jsir mill-WSC mingħajr ma l-Kunsill Lokali jħallas xi spejjeż involuti**.

Rif. Nru. 1951

4.11 Saret riferenza għall-ittra mingħand LK Ltd rigward reviżjoni tar-rati tal-*Upkeep and Maintenance of 'Access Roads' and 'Access Only and Pedestrians'*. Il-Kunsill ġie nfurmat illi din it-talba ġiet riferuta lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-gwida min-naħa tagħhom. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jistenna r-risposta min-naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Rif. Nru. 1885

4.12 Saret rifrenza għat-talba mingħand Ms. Astrid Vella sabiex issir laqgħa mal-Kunsill. Il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa nformali nhar it-Tlieta 10 t'April 2012 mal-koordinatur ta' Flimkien għal Ambjent Aħjar, Ms Astrid Vella u l-Għaqda ta' San Giljan dwar l-iżvilupp fil-lokalita'. Għal din il-laqgħa kienu prezenti:-

- Għal Kunsill:- Is-Sindku Peter Bonello
  Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli
  Il-Kunsillier Norman Vella
  Il-Kunsillier John Agius
  Il-Kunsilliera Irene Borg
  Il-Kunsillier Richard Scicluna
  Il-Kunsillier Alexander Grech

- Għal Flimkien għal Ambjent Aħjar:- Ms Astrid Vella

- Għal Għaqda ta' San Giljan:- Is-Sur Michel Spiteri
  Is-Sur Carmel Dalli
  Is-Sur Julian Caruana

Din il-laqgħa kienet waħda kordjali u tat riżultat pożittiv.

Rif. 1991

4.13 Saret riferenza għat-talba tal-Kunsilliera Laburisti, sabiex issir laqgħa tal-Kunsill b'urġenza qabel l-14 t'April 2012. Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li peress li nhar it-Tlieta 10 t'April 2012 issejħet laqgħa nformali, mal-koordinatur ta'

Flimkien għal Ambjent Aħjar, Ms Astrid Vella u l-Għaqda ta' San Giljan dwar l-iżvilupp fil-lokalita', bl-approvazzjoni tal-Kunsilliera Laburisti ma kienx hemm il-bżonn li terġa' tissejjaħ laqgħa oħra wara dik ta' nhar it-Tlieta 10 t'April 2012 minħabba li din il-laqgħa kienet kordjali u tat riżultat pożittiv kif mixtieq.

4.14 Iċ-Ċermen ha l-okkażżjoni biex irringrazzja lill-Kunsilliera kollha għall-mod kif ġiet trattata din il-materja.

Rif. Nru. 2231

Saret riferenza għal-korrispondenza mingħand il-Parroċċa ta' San Ġiljan dwar l-Għaqda għar-Romol tal-Parroċċa. Għalkemm saret riferenza għall-artiklu 63 A ta' l-Att Dwar Kunsilli Lokali, ġie deċiż unanimament li għal darba kull tlett xhur il-Kunsill jipprovdi t-trasport ta' coach / mini van għal ħarġiet li minn żmien għall-żmien ser torganizza l-Għaqda.

Rif. Nru. 2281

4.15 Saret riferenza għall-kwotazzjoni, mingħand is-Sur Raymond Attard, biex isir tindif tal-lokalita' minn id-dumpjar ta' oġġetti. Ġie deċiż unanimament illi l-kwotazzjoni tas-Sur Raymond Attard tiġi aċċettata.

## 5 Xogħolijiet / Proġetti

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'rapport tax-xogħolijiet / Proġetti pendenti li għandu l-Kunsill (Ara Appendiċi 'D').

5.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi:-

- Fir-rigward ta' Triq Claire E. Engel, tintbagħat ittra lir-residenti fejn jiġu nfurmati li l-Kunsill għadu mhux sodisfatt biex xogħol li sar u għalhekk għaddejjin it-taħditiet mal-kuntrattur biex jitkompla x-xogħol;

- Dwar l-iskema tal-Manutenzjoni fil-Binjiet tal-Gvern (Memo 12/2011), isir laqgħa ħdejn il-binjiet tal-

gvern, mal-Perit Stephen Farrugia (MP&DC) flimkien mas-Sindku Peter Bonello u l-Kunsilliera Irene Borg, biex issir stima tax-xogħolijiet li jistgħu jsiru bil-bilanċ li fadal mill-iskema; Parti minn dawn ix-xogħolijiet għandhom jinkludu rampa għal-persuni bi bżonnijiet speċjali fl-entrattura ta' Blokk A fi Triq Bertha K.llg.

- Meta ssir l-istima tintbagħat kopja tagħha lill-CEO ta' l-Awtorita' fejn jiġi nfurmat kif ser jintuża il-bilanċ, biex il-Kunsill jingħata l-approvazzjoni.

- Issir laqgħa mal-Perit Stephen Farrugia dwar il-pendenzi ta' dan ir-rapport.

## 6 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazjoni (Ara Appendiċi 'E').

6.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ppproponiet l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

6.04 Ġie deċiż unanimament li, sakemm il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni, il-kontijiet li jirċievi l-Kunsill bejn laqgħa u oħra jsir il-pagament tagħhom qabel jiġu approvati mill-Kunsill. F'dan il-każ il-pagamenti jitniżżlu fuq l-ewwel skeda tal-pagament li tiġi ppreżentata lill-Kunsill. F'każijiet fejn kontijiet iridu jiġu ċċertifikati mill-*Contracts Manager* dawn jitħallsu wara li jiġu ċċertifikati.

## 7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3161 sa 3194 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

7.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3161 sa 3194.

7.03 Il-Kunsillier Anthony Grech ssekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8 Materji Oħra**

8.01 Ġie deċiż unanimament illi:-

- Tinxtara fridge oħra peress li dik li għandu l-Kunsill m'għadhiex taħdem;

- Jinxtara 4 gigs ram biex tiżdied il-memorja tas-server;

- Peress li hemm persuna Ġiljaniza li fit-2 ta' Mejju 2012 ser talaq 100 sena, tintbagħat talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex il-Kunsill jingħata l-approvazzjoni ħalli ikun jista' jippreżentalha tifkira ta' madwar €60.00c;

- Tintbagħat talba lil Transport Malta sabiex jiġi rranġat is-saqaf tal-kmamar tas-sajjieda li hemm f'Xatt is-Sajjieda, taħt Triq San Ġorġ, peress li meta tagħmel ix-xita jidħol ħafna ilma;

- Isir laqgħa mal-Pulizija sabiex jiġi diskuss il-vandalizmu u l-kriminalita' fil-lokalita';

- Tintalab stima mingħand il-Fix All biex jiġi rranġat il-*cash barrier* li hemm hdejn il-Belmont Hotel fi Triq Birkirkara;

- Is-Sur David Soler jiġi nfurmat biex ikun hemm aktar solveljanza fi Triq is-Sorijiet fil-ħinijiet ta' l-iskola peress li qed jgħaddu l-karozzi *wrong way;*

- Ġie deċiż li f'laqgħa oħra jiġi diskuss il-ġbir ta' l-iskart;

- Tintbagħat ittra lill-Awtorita' Marittima sabiex:

a) jiġi rrakkomandat biex il-bagi fil-bajja ta' Spinola u Balluta jkunu l-istess.

b) Isir manutenzjoni fuq il-port ta' hdejn il-Banis.

8.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsillieri li l-karigi ser jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

8.03 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju 2012 fit-3.00 p.m.

8.04 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fis-6.50p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |